

— tannulla kull ordni għall-ħlas tal-ispejjeż kontra r-rikorrenti maħruġa mill-Uffiċċju u tordna lil dan tal-aħħar sabiex ibati l-ispejjeż tar-rikorrenti.

### Motivi u argumenti prinċipali

*Applikanti għat-trade mark Komunitarja:* il-parti l-oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell

*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* it-trade mark verbali “SPORT TV INTERNACIONAL”, għal servizzi fil-klassijiet 35, 38 u 41 — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 6915094

*Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni:* ir-rikorrenti

*Trade mark jew sinjal invokat:* ir-reġistrazzjoni ta' trade mark Portugiża Nru 329507 tat-trade mark figurattiva “SPORTV”, għal servizzi fil-klassijiet 38 u 41

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni:* oppożizzjoni miċħuda

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* appell miċħud

*Motivi invokati:* ksur tal-Artikolu 42(2) u (3) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009 u ksur tar-Regola 22(3) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 2868/95.

### Rikors ippreżentat fit-6 ta' Awwissu 2012 — Aleris vs UASI — Carefusion 303 (ALARIS)

(Kawża T-353/12)

(2012/C 311/15)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

### Partijiet

*Rikorrenti:* Aleris Holding AB (Stokkolma, l-Isvezja) (rappreżentanti: A. Kylhammar u K. Westerberg, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Carefusion 303, Inc. (San Diego, l-Istati Uniti)

### Talbiet

— tannulla d-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), tal-11 ta' Mejju 2012 (R 334/2011-5), kif ukoll it-tieni parti tad-deċiżjoni ta' kanċellazzjoni, u tagħti deċiżjoni skont it-talba tar-rikorrenti; u

— tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

*Trade mark Komunitarja rreġistrata li hija s-suġġett tat-talba għal revoka:* it-trade mark verbali “ALARIS”, għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 10, 37 u 42 — Reġistrazzjoni ta' trade mark Komunitarja Nru 571521

*Proprietarju tat-trade mark Komunitarja:* il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

*Parti li qed titlob ir-revoka tat-trade mark Komunitarja:* ir-rikorrenti

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni:* trade mark Komunitarja revokata parzjalment

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* appell miċħud

*Motivi invokati:* Ksur tal-prinċipji fundamentali li għandhom jiġu applikati fi proċedimenti ta' revoka bbażati fuq in-nuqqas ta' użu. Ksur tal-Artikoli 15 u 9 tar-Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009.

### Rikors ippreżentat fis-6 ta' Awwissu 2012 — Debonair Trading Internacional vs UASI — Ibercosmetica (SÔ:UNIC)

(Kawża T-356/12)

(2012/C 311/16)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

### Partijiet

*Rikorrenti:* Debonair Trading Internacional Lda (Funcha, il-Madejra) (rappreżentant: T. Alkin, Barrister)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Ibercosmetica, SA de CV (Il-Belt tal-Messiku, il-Messiku)

### Talbiet tar-rikorrenti

— tannulla d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), tal-4 ta' Ġunju 2012, fil-Każ R 1033/2011-4;

— tikkundanna lill-parti l-oħra għall-ispejjeż sostnuti mir-rikorrenti.

**Motivi u argumenti prinċipali**

*Applikanti għat-trade mark Komunitarja:* il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* it-trade mark verbali "SÖ:UNIC", għal prodotti fil-klassi 3 — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja Nru 8197972

*Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjali invokat insostenn tal-oppożizzjoni:* ir-rikorrenti

*Trade mark jew sinjal invokat:* Serje ta' 24 trade mark irreġistrati fil-Komunità, Internazzjonali, fir-Renju Unit u fl-Irlanda li jikkonsistu mill-kelma "SO" flimkien ma' materjal ieħor, għall-prodotti fil-klassi 3; Serje ta' 17-il sinjal mhux irreġistrati li jikkonsistu mill-kelma "SO" flimkien ma' materjal ieħor, użati b'konnessjoni ma' prodotti fil-klassi 3

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni:* oppożizzjoni miċħuda fl-intier tagħha

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* appell miċħud

*Motivi invokati:*

- ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009;
- ksur tar-Regola 15(2)(b)(iii) tar-Regolament tal-Kummissjoni Nru 2868/95; u
- ksur tal-Artikolu 8(4) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009.

---

**Rikors ippreżentat fis-7 ta' Awissu 2012 — Sachi Premium-Outdoor Furniture vs UASI — Gandia Blasco (Pultruni)**

(Kawża T-357/12)

(2012/C 311/17)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Sachi Premium-Outdoor Furniture, Lda (Estarreja, il-Portugall) (rappreżentant: M. Oehen Mendes, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Gandia Blasco, SA (Valencia, Spanja)

**Talbiet tar-rikorrenti**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni tat-Tielet Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tas-27 ta' April 2012 (R 969/2011-3);
- tiddikjara d-disinn tal-Komunità kkontestat Nru 1512633-0003 invalidu; u
- tikkundanna l-konvenut għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

*Disinn Komunitarju rreġistrat li huwa s-suġġett tat-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità:* Disinn għal "pultruni, loungers" — disinn Komunitarju rreġistrat Nru 1512633-0003

*Proprietarju tat-trade mark Komunitarja:* ir-rikorrenti

*Parti li qed titlob id-dikjarazzjoni ta' invalidità tad-disinn Komunitarju:* il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

*Motivazzjoni tat-talba għal invalidità:* il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell talbet l-invalidità tad-DKR ibbażata fuq l-Artikoli 4 sa 9 tar-Regolament tal-Kunsill Nru 6/2002; Reġistrazzjoni ta' disinn Komunitarju Nru 52113-0001, għal "pultruni"

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni:* talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità miċħuda

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* deċiżjoni kkontestata annullata u disinn Komunitarju rreġistrat ikkontestat iddikjarat invalidu

*Motivi invokati:* ksur tal-Artikoli 5 sa 7 tar-Regolament tal-Kunsill Nru 6/2002.

---

**Rikors ippreżentat fit-8 ta' Awwissu 2012 — Vuitton Malletier vs UASI — Nanu-Nana (disinn iċċangjat)**

(Kawża T-359/12)

(2012/C 311/18)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

*Rikorrent:* Louis Vuitton Malletier (Pariġi, Franza) (rappreżentanti: P. Roncaglia, G. Lazzaretti u N. Parrotta, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Nanu-Nana Handelsgesellschaft mbH für Geschenkartikel & Co.KG (Berlin, il-Ġermanja)